**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum l-24 ta' April, 2025**

**Rikors numru: BCT/04/2025**

**Membri:**

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

---

***Malcolm Attard***

***vs***

***Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni***

***It-Tribunal***

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant Malcolm Attard fejn huwa premetta u talab is-segwenti:

> *Good morning,*
>
> *Reference is made to Ticket#2025011371000053. I am writing to formally appeal the fine of €250 imposed on 13/01/2025 for allegedly obstructing the pavement with material during works at 18/19, Triq Bir ir-Riebu, Sqaq Nru 3, Rabat.*

*On 10th January, we carried out work to pour concrete for the façade's beam and the first floor of the building. This required placing the necessary equipment in the alley (which is only pedestrian) to complete the task efficiently and safely. Given the narrowness of the alley and the constraints it presents, it was impossible to conduct the work in a more compliant manner. We took all reasonable precautions to minimize disruption and ensure the safety of pedestrians and nearby residents. We have also left enough space for people to pass.*

*Furthermore, the works were supported with the permit issued by the local authority, a copy of which is attached to this email for your reference. We kindly ask that you reconsider this fine, taking into account the specific circumstances of the project and the limited options available to us given the site constraints.*

*We appreciate your understanding and hope for a favorable resolution to this matter. Should you require any additional information or clarification, please do not hesitate to contact me directly at 99588286 or malcolmattard18@gmail.com*

*Thank you for your attention to this matter.*

*Kind regards,*

*Malcolm Attard*

Ra r-risposta tal-Awtorita' li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*
2. *Illi mingħajr preġudizzju għal dak sottomess preliminarjament, il-liġi ma jistax jitħalla materjal quddiem is-sit, u dan stante li joħloq inkonvenjent u għalhekk projbit mil-liġi;*
3. *Illi qiegħed jiġi anness mar-risposta "Trial of Events" u ritratti in sostenn tal-penali mposta mil-Awtoirta', immarkati bħala Dok A;*
4. *Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita' appellata qiegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li l-kawża tħalliet għall-llum għas-sentenza.

***Ikkunsidra:***

Dan l-appell jittratta penali amministrattiva maħruġa fil-konfront tal-appellant nhar it-13 ta' Jannar, 2025 rigward is-sit li jinstab ġewwa No. 18 & 19, Triq Bir ir-Riebu, Sqaq Numru 3, Rabat. Il-bażi tal-penali amministrattiva hija li tħalla materjal tal-bini u skart li kien qed jostakola l-bankina.

In sostenn tal-avviż tagħha l-Awtorita' preżentat numru ta' ritratti li evidentament juru numru ta' materjal tal-kostruzzjoni u kif ukoll ilqugħ quddiem is-sit in kwistjoni.

Ix-xhud tal-appellant, Selsvyle Khutri ikkonfermat li l-materjal indikat kien relatat mas-sit in kwistjoni u ikkonfermat ukoll li dak l-istess materjal tħalla hemmhekk għal numru ta' ġranet.

It-Tribunal jagħmel referenza għal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08 li tinkludi numru ta' obbligi u provvediment għar-rigward ta' materjal u skart kawża ta' xi żvilupp.

**Artikolu 4 tal-Ewwel Skeda jgħid:**

*4. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe liġi oħra, l-ebda materjal tal-bini, skart, makkinarju jew tagħmir m'għandu jitħalla jostakola l-bankina jew il-fluss mexxej tat-traffiku fil-viċinanza tas-sit fejn ikunu għaddejin jew ikunu tlestew ix-xogħlijiet. Depożitu ta' materjali tal-bini għal skopijiet ta' ħatt jew tagħbija u tqegħid ta' tagħmir fit-triq quddiem l-faċċati tas-sit għandu jkun awtorizzat mill-Kunsill Lokali responsabbli.*

**Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda jgħid:**

*6.Is-segwenti faċilitajiet u miżuri adegwati għandhom jittieħdu sabiex jiżguraw li s-sit u l-prossimità immedjata tiegħu jinżammu ndaf:*

*(a)kwalunkwe skart jew debris għandu jinżamm fuq is-sit u jintrema ġo reċipjenti magħluqa ta' l-iskart sabiex jiġi evitat li dawn jinfirxu barra mis-sit għal ġo kwalunkwe żona pubblika bir-riħ, xita jew xi movimenti oħra relatati mal-proċess tax-xogħlijiet;*

*(b)ix-xogħlijiet m'għandhom joħolqu l-ebda rimi ta' prodotti tat-tindif, żebgħa, żjut, materjal ieħor li jniġġeż, jew skart perikoluż fis-siti pubbliċi jew fis-sistemi ta' drenaġġ jew fil-baħar;*

*(ċ)tindif immedjat ta' materjal relatat max-xogħlijiet li seta' waqa jew tniġġiż;*

*(d)knis, ħasil jew tneħħija bil-vacuum ta' trab mit-triq;*

*(e)pits fejn isir il-ħasil, miksers tal-konkos jew tjun u postijiet li jżommu l-kimika għandhom jiġu lokalizzati 'l bogħod minn sistemi ta' drenaġġ u kanali tal-ilma jew proprjetà ta' terzi; u*

*(f)qabel kwalunkwe moviment ta' vetturi mis-sit ta' kostruzzjoni għal fuq kwalunkwe żona pubblika, dawn għandu jkollhom ir-roti maħsulin minn kull ħmieġ, trab jew xi materjal ieħor li jista' jinġarr fuq żona pubblika u jaqa' fuqha.*

In vista' ta' dak supra indikat it-Tribunal jirrileva li huwa evidenti li l-iskart li tħalla mill-appellant ma kienx awtorizzat u dan stante li ma kien kopert minn ebda permess sabiex it-tali skart ikun jista' jitħalla hemmhekk. Filwaqt li t-Tribunal ma jistax jasal għall-konklużjoni li l-iskart li tħalla kien tali li kien qed jostakola l-bankina, huwa evidenti li minkejja dan, numru ta' materjal tal-kostruzzjoni tħalla u tħalla hemmhekk għal numru ta' ġranet. Għaldaqstant l-

appellant naqas mill-obbligi tiegħu bħala *manager* tas-sit u l-Awtorita' appellata kienet ġustifikata fid-deċiżjoni tagħha. B'hekk it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jiċħad l-appell u jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorita' appellata.

**Decide**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal qiegħed jiċħad l-appell u jikkonferma l-avviż tal-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni ta' nhar it-13 ta' Jannar, 2025.

***************KOPJA VERA TAL-ORIĠINAL***************

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Christopher L. Vella** | **Perit Samuel Formosa** | **Inġ. Johan A. Psaila** |
| Chairperson | Membru | Membru |